**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 7249/2023/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Melissa Galea**

Illum 24 ta' Ġunju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Melissa Galea**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 217100(L), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-2 ta' Awwissu 2023 għall-ħabta ta' 11:35am ġewwa Triq San Edwardu, Ħal Qormi:

1. mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex teżerċita dritt li tippretendi li għandha, fixklet

lil Darren Galea fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħlet fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor;

2. saqet vettura ta' għamla Kia bin-numru ta' reġistrazzjoni SFP 001 mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' ta' Darren Galea skont Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' April 2025, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lill-imputata mill-ewwel (1) imputazzjoni, wara li rat Artikoli 3(1), 3(2)(a) u 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputata ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni u kkundannatha għal ħlas ta' multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37). Il-Qorti skwalifikat lill-imputata mil-liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar li kellhom jibdew jgħaddu minn nofs il-lejl ta' dakinhar li ngħatat is-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fil-15 ta' Mejju 2025 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza msemmija billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitha mhux ħatja u lliberatha mill-ewwel akkuża, u tirrevokaha fil-parti fejn sabitha ħati [recte: ħatja] tat-tieni akkuża, u tilliberaha minnha."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellanti, liema Risposta ġiet ippreżentata fid-9 ta' Ġunju 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-30 ta' April 2025.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li fit-2 ta' Awwissu 2023 il-*parte civile* Darren Galea għamel rapport fl-Għassa tal-Pulizija ta' Ħal Qormi li l-eks mara tiegħu, ossia l-appellanti, kienet ħadet il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni SFP 001 minn quddiem il-ħanut St. Philips Confectionery, ġewwa Triq Edwardu, Qormi. Eventwalment, l-appellanti ġiet mixlija quddiem l-Ewwel Qorti b'żewġ imputazzjonijiet: b'*ragion fattasi* u b'sewqan ta' vettura mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Fis-sentenza appellata, l-appellanti ġiet liberata mir-reat ta' *ragion fattasi* pero' ġiet misjuba ħatja tal-imputazzjoni l-oħra.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

---

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno**

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha b'dan illi din il-Qorti hija tal-fehma li għandha tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel żewġ aggravji flimkien peress li huma konnessi.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti tisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni żbaljata tal-provi meta qieset illi t-tieni (2) imputazzjoni ġiet ampjament pruvata. L-appellanti targumenta li hija ma taqbilx mal-Ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata qalet li mill-filmat eżebit fl-atti proċesswali jidher ċar li hija saqet il-vettura in kwistjoni. Hija tgħid dan minħabba li skont l-appellanti:

- Hija ma tingħarafx mill-filmat u lanqas ma tingħaraf il-vettura in kwistjoni. Tgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li skont il-filmati eżebiti, fid-data u l-ħin indikati fl-imputazzjoni hija saqet il-vettura in kwistjoni.

- Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-vettura in kwistjoni kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni u li, f'kull każ, hija kienet koperta biex issuq il-vettura *de quo*. Tgħid li kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni valida kif jirriżulta minn polza tal-assigurazzjoni li tinsab *a fol.* 18 u 75 tal-atti proċesswali.

---

**sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tagħha l-appellanti tisħaq li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sabitha ħtija tat-tieni (2) imputazzjoni. Tgħid li l-Ewwel Qorti sabet ħtija abbażi tal-konsiderazzjoni li l-vettura ma kinitx koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Hawnhekk l-appellanti terġa' tisħaq li hija kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni valida kif jirriżulta minn *a fol.* 18 u 75 tal-atti proċesswali. Targumenta li jekk kemm il-darba vettura tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni, din il-polza, indipendentement mill-*coverage* li jkollha, hija tkun tal-anqas tkopri terzi persuni. Hija tagħmel riferenza għal numru ta' sentenzi sabiex tittenta tissostanzja l-aggravju in eżami. Tisħaq li ġialadarba l-vettura in kwistjoni hija liċenzjata u koperta b'polza ta' assigurazzjoni, f'każijiet bħal dawn ma għandhiex tiskatta l-preżunzjoni li ma hemmx polza.

Illi <u>fir-rigward tal-ewwel argument imressaq fl-ewwel aggravju</u>, fejn l-appellanti tgħid li ma tingħarafx mill-filmati u lanqas ma tingħaraf il-vettura in kwistjoni, din il-Qorti tibda billi tinnota li kien il-*parte civile* stess li tul id-depożizzjoni mogħtija minnu bil-ġurament quddiem l-Ewwel Qorti li eżebixxa *pen-drive* bil-filmati in kwistjoni. Din il-Qorti fliet bir-reqqa dawn il-filmati (Dok. "DG 3" – *a fol.* 53) u filwaqt li tinnota li huma ta' kwalita tajba, tinnota wkoll l-fattizzi tal-wiċċ u l-għamla fiżika tal-persuna li tidher fihom tista' titqabbel ma' dik tal-appellanti. Ma' dan din il-Qorti żżid tgħid li fl-affidavit tiegħu (*a fol.* 2 *et seq.*), PS 1458 Malcolm Fenech xehed li l-appellanti kkonfermat li kienet ħadet il-vettura in kwistjoni.

Illi <u>fir-rigward tat-tieni argument imressaq fl-ewwel aggravju</u>, ossia dak fejn l-appellanti tgħid li mill-atti proċesswali jirriżulta li l-vettura in kwistjoni kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni, din il-Qorti tgħid li mill-poloz li tagħmel riferenza għalihom l-appellanti ossia dawk li jinsabu *a fol.* 18 u 75 tal-atti proċesswali jirriżulta li huma jagħmlu riferenza għall-vettura *de quo*, li l-isem tal-*policyholder* huwa "Darren Galea obo San Filippo Pasticceria Ltd.", b'"*Inception Date & Time*" indikati bħala "2 August 2023 16:44:57" u b'"*Expiry Date & Time*" indikati bħala "31 July 2024 23:59:59". Għal kull buon fini jingħad li ċ-ċitazzjoni li l-appellanti

ġiet akkużata biha quddiem l-Ewwel Qorti tirreferi għal *"02/08/2023 għal ħabta ta' 11:35am"*. Da parte tagħha, l-appellanti ma xehidtx quddiem l-Ewwel Qorti pero' id-difiża ppreżentat żewġ dokumenti (Dok. "MG 1" u "MG 2" – *a fol.* 76 *et seq.*) liema dokumenti ma għandhomx x'jaqsmu mal-polza ta' assigurazzjoni. Kien jinkombi fuq l-appellanti li tressaq il-prova mitluba u dana *ai termini* ta' Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward tat-tieni aggravju, din il-Qorti terġa' tagħmel riferenza għal dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-polza tal-assigurazzjoni li tinsab *a fol.* 18 u 75 tal-atti proċesswali. Dwar l-argument tal-appellanti li ġialadarba l-vettura in kwistjoni hija liċenzjata u koperta b'polza ta' assigurazzjoni ma kellhiex l-preżunzjoni li ma hemmx polza, din il-Qorti ser tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Illi jkun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ħadd ma jista' juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza."

Illi Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)."

Illi apparti dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-polza tal-assigurazzjoni li tinsab *a fol.* 18 u 75 tal-atti proċesswali, din il-

Qorti tinnota li hija ben konxja dwar il-fatt li fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna wieħed jista' jinnota diverġenza rigward l-interpretazzjoni ta' Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u dwar il-prova tal-assigurazzjoni. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-18 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Gatt** (Numru 265/2014) fejn ingħad hekk:

> "Issa kwantu l-oneru tal-prova tal-eżistenza tal-polza ta' assikurazzjoni ma hemmx dubju li tispetta lill-imputat. U dan *ai termini* tal-Artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Issa l-appellant esebixxa kopja ta' polza quddiem l-Ewwel Qorti u din il-Qorti ser tgħaddi biex teżamina l-istess. Din il-polza nħarġet mis-soċjeta' Middlesea Insurance plc fit-12 ta' Marzu 2013 u kienet effettiva sal-11 ta' Marzu 2014. L-assikurat huwa ċertu Joseph Gatt karta tal-identita' numru 0212759(M) li allura ma huwiex l-appellant li għandu karta tal-identita' numru 258395(M) iżda, u preżumibilment missier l-appellant. Din il-polza tkopri ukoll l-użu tal-vettura NOS 200 li hija l-istess waħda interċettata mill-Pulizija filwaqt li kienet misjuqa mill-appellant. L-polza tindika dawk li huma msejjħa *Limitations as to use* u f'dan il-każ huma: *Use for social domestic and pleasure purposes and for your own business. Excluding use for hire or reward or for tuition, racing, pace making, reliability, trial or speed testing or for any purpose in connection with the Motor Trade.* Dik il-parti intestata ***Authorised Driver/s Details*** imbagħad tindika **<u>biss</u>** *The Policy Holder Only*;
>
> Illi minkejja li l-polza ta' assikurazzjoni tkopri biss lill-persuna li ċertament mhix l-appellant, l-istess appellant jargumenta li kien debitament assikurat u jagħmel dan għal żewg raġunijet. L-ewwel argument tiegħu hu li l-*policy schedule* fil-paġna 19, iġifieri dik sfilzata minn din il-Qorti, tipprovdi dwar dan. Bid-dovut rigward, il-paragrafu ċitat mill-appellant ma jgħidx, wisq anqas, jipprovdi dak pretiż mill-appellant iżda jgħid biss illi f'każ li l-assikurazzjoni tkun kostretta tagħmel tajjeb

għall-eventwalitajiet hemm imsemmija **<u>skont il-liġi</u>**, ikollha dritt li tirkupra dak il-ħlas mingħand il-persuna li minħabba fiha ikun sar il-ħlas. L-appellant imbagħad, in sostenn tat-tieni raġuni fl-aggravju tiegħu, jagħmel referenza għal sentenzi ta' din il-Qorti **Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi** (App. Krim. 3.11.2005) u **Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti** (App. Krim. 22.1.2014). B'dan, l-appellant irid issaħħaħ l-argument tiegħu illi la darba l-assikurazzjoni hi dejjem marbuta tagħmel tajjeb għal dejn ċivili favur terzi skont il-liġi, allura s-sewwieq ta' vettura huwa dejjem assikurat. Issa, traċċjat l-insenjament tal-Qrati tul iż-żmenijiet, jidher illi sas-sena 2005, l-Qrati tagħna dejjem fehmu dak li fis-sempliċita' tiegħu jipprovdi l-Artikolu 3 tal-Kap. 104, iġifieri li ħadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk ma jkunx debitament assikurat biex jagħmel dan. Dik is-sentenza iżda tippernja fuq id-doveri tal-kumpaniji tal-assikurazzjoni u bid-dovut rigward, l-obbligi u l-kundizzjonijiet li l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jassumu mal-Awtoritajiet kompriż ir-Regolatur, sabiex tinħarġilhom u jżommu fis-seħħ il-liċenzji tagħhom bħala assikurazzjoni kompriż l-obbligi tagħhom li jieħu sehem f'*pool* bħala *insurers concerned* ma jistgħax jitqies li jeżonera lil kull sewwieq mill-obbligi tiegħu taħt il-Kapitolu 104. Tant hu hekk illi, għad li s-sentenza fl-ismijiet Scuderi kien font ta' referenza għal diversi kawżi anke jekk mhix dejjem segwita, l-Qorti tal-Appell kellha ripensament u fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs. André Apap** tal-4 ta' Frar, 2011 rriteniet illi ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi tagħha **Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi** (3.11.2005), **Il-Pulizija vs. Stefan Apap** (26.4.2007) u **Il-Pulizija vs. Charles Galea** (7.5.2007) u oħrajn *"dwar meta tiskatta l-preżunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap. 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap. 104 huwa ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu.."*. Din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tagħti xi interpretazzjoni diversa għal Artikolu 3(1) u 3(1A) tal-

> Kapitolu 104 u għalhekk tqis illi l-appellant ma kienx debitament assikurat."

Illi tenut kont ta' dak li ġie appena ċitat u ta' dak li ngħad aktar qabel, din il-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament hawn fuq ċitat. Din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal sentenza mogħtija fit-28 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Moira Micallef** (Numru 483/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta, wara li għamlet riferenza għas-sentenza hawn fuq ċitata, għamlet riferenza għal dak li ngħad fil-Parlament meta kienet qed tiġi diskussa l-liġi in kwistjoni u mbagħad qalet hekk:

> "In vista tas-suespost, din il-Qorti temmen illi mhux biss il-vettura għandha tkun assigurata kif enfasizzat l-Ewwel Qorti, iżda wkoll is-sewwieq li jkun qiegħed isuq il-vettura. Fil-każ odjern, is-sewwieq Ryan Azzopardi, ma kellux liċenzja tas-sewqan u għalhekk dan ma setax ikun kopert bil-polza tal-assigurazzjoni esebita fl-atti."

Illi f'sentenza mogħtija fil-11 ta' Mejju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gilbert Gatt** (Numru 23/2023) din il-Qorti diversament preseduta saħqet is-segwenti:

> "F'kull każ, anki kieku l-karozza tkun koperta b'assikurazzjoni, dan ma jfissirx li kull *driver* li jirkeb fiha, jkunx licenzjat jew le, jkun ukoll kopert b'polza kontra r-riskji tat-terzi persuni għax jistgħu ikun hemm restrizzjonijiet dwar min ikun kopert b'polza partikolari."

Illi aktar tard fl-istess sentenza appena ċitata ngħad hekk:

> "Għalhekk l-appellat [**<u>recte</u>**: l-appellant] kellux [sic] [**<u>recte</u>**: kellu] raġun meta jgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ma sabitx lill-appellat ħati tat-tieni akkuża meta fl-istess nifs sabitu ħati tal-ewwel u t-tielet akkuża u dan anke fuq ammissjoni tal-istess appellat."

Illi din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak hawn fuq ċitat. Fir-rigward tal-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jidher biċ-ċar li ma jirriżultax li l-appellanti kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni maħruġa fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni SFP 001.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, isegwi li kemm l-ewwel u kif ukoll it-tieni aggravju tal-appellanti qed ikunu miċħuda *in toto*.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> tagħha l-appellanti tgħid li, mingħajr preġudizzju għal aggravji l-oħra, l-Ewwel Qorti ma tatx konsiderazzjoni għall-eċċezzjoni mressqa minnha illi hija saqet il-vettura in kwistjoni mingħajr ma kienet konsapevoli li l-*parte civile* kien b'mod malizzjuż biddel il-*coverage* tal-assigurazzjoni. Hija tgħid li jirriżulta ppruvat li hija ma kinitx taf li l-*parte civile* qabad u neħħieha minn *authorised driver*. Tgħid li d-diliġenza ordinarja ma titlobx li f'każ bħal ma hu dan il-każ li wieħed kellu jiġih b'moħħu jew jobsor li sid il-vettura kien ser ibiddel l-*authorised driver* b'mod malizzjuż.

Illi dwar dan l-aggravju, din il-Qorti ma tantx għandha wisq xi tgħid għajr li persuna għandha ssuq vettura biss ġialadarba tkun ċerta li hija koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Filwaqt li din il-Qorti tista' tieħu ħjiel tal-istat tar-relazzjoni ta' bejn il-*parte civile* u l-appellanti li wassal li jsir ir-rapport mertu ta' dawn il-proċeduri, dan waħdu ma jwassalx lil din il-Qorti għal xi konklużjoni differenti. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta qalet hekk (*a fol.* 89):

> "Kien jinkombi fuq l-istess imputata li qabel ma tiddeċiedi li ssuq din il-vettura, kif jidher ben ċar li għamlet fil-filmat eżebit, tivverifika jekk kinitx koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Dan qed jingħad iktar u iktar, tenut kont tal-kliema litiġjuża li kienet għaddejja fiż-żmien tal-akkadut, ma' Darren Galea."

Għaldaqstant, anke l-eċċezzjoni ossia l-aggravju in eżami qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Melissa Galea u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi jiġi speċifikat li l-iskwalifika milli l-appellanti jkollha jew tottjeni liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax (12)-il xahar għandu jibda għaddej minn nofs il-lejl u minuta ta' għada fil-għodu.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**